# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 347/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Grech)

vs

**Patricia Bone**

bint Francis Trojisi, imwielda Valletta, fit-28 ta' Awwissu, 1956, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 568756(M)

Illum, 14 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Patricia Bone quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 t'Awwissu, 2006 u matul it-tlett xhur qabel din id-data:

a) Ittraffikat, bieghet, qassmet jew offriet li tittraffika, tbiegh jew tqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 ta' l-1985, kif emendati.

b) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 ta' l-1985, kif emendati, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu tal-9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Gunju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u 120A(7) u it-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u kkundannatha ghal piena karcerarja ta' disa' (9) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, ai termini tal-artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qedghed lill-hatja taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu mposti fuqha skond l-Ordni ta' Supervizjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bi kliem car il-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk tonqos illi ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

In oltre il-Qorti kkundannat lill-hatja ghal hlas ta' multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.
Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita u l-affarijiet konnessi maghha taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Rat ir-rikors tal-appellanta Patricia Bone pprezentat fit-2 ta' Lulju, 2015 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn imfissra, thassar, tirrevoka u tikancella s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) -vs- Patricia Bone,
deciza fl-24 ta' Gunju, 2015 u tillibera lill-appellanta minn kull htija mputazzjoni u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi l-ewwel punt li gie trattat fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magitrati (Malta) kien dwar 1-ammissibilita o meno ta' l-istqarrija ta' l-imputata in vista tal-fatt illi ma inghatatx access ghall-konsulent legali. L-Ewwel Qorti ikkwotat parti mis-sentenza Charles Steven Muscat vs Avukat Generali. Il-parti saljenti minn din l-kwotazzjoni hija l-ahhar sentenza u cioe' dwar jekk bin-nuqqas ta' access ghall-konsulent legali, l-imputata kienetx fil-periklu li tinsab hatja meta ma kellhiex tinstab hatja.

Illi se jirrizulta li din l-istqarrija kienet krucjali biex l-imputata tinstab hatja. L-akkuza li biha kienet giet imressqa l-akkuzata appellanta hija dik ta' traffikar ta' drogi. Eventwalment, wara li l-Qorti ezaminat l-istqarrija, waslet ghall-konkluzjoni li l-imputata appellanta kienet hatja ta' trafficking by sharing u dan billi kienet ammettiet illi kien hemm xi okkazjoni fejn hija qassmet xi pillola ecstasy ma xi habiba taghha.

Illi ta' min jinnota li l-akkuza hija wahda specifika u cioe li fl-14 ta' Awwissu, 2006 u fit-tlett xhur ta' qabel hija ttraffikat jew qassmet id-droga. Mill-istqarrija ma jirrizultax meta gara l-akkadut u cioe' li kienet tat xi pllola ecstasy lil xi habiba taghha imma li fil-passat kienet ghamlet dan f'jum indeterminat.

Illi ghalhekk l-ewwel akkuza in kwantu ghall-episodju msemmi fl-istqarrija ma tistghax tissussisti billi ma hemmx indikat fl-istqarrija meta hija kienet fil-fatt tat xi pillola ecstasy lil xi habiba taghha.

Illi ghalhekk minhabba li din l-ammissjoni harget minn stqarrija ta' l-appellanta meta ma kellhiex acces ghall-konsulenza legali, u liema ammissjoni setghet gabet imputabilita ta' l-akkuzat, kif fil-fatt sehh, tali stqarrija kellha tkun skartata mill-Ewwrl Qorti u sfilzata mil-process u dan billi poggiet lill-appellanta mhux f'possibilita imma f'periklu reali ta' htija.

Illi ghalhekk tali stqarriija bil-mod kif kienet mehudha kisret id-dritt ta' smiegh xieraq ta' l-appellanta u l-Ewwel Qorti kellha ghalhekk tiskartha mill-assjem tal-provi. Fil-fatt biex l-Ewwel Qorti waslet ghall-kunsiderazzjoni ta' htija ta' l-appellanta strahet unikament fuq l-istqarrija taghha.

Illi dwar l-imputazzjoni ta' pussess aggravat anki f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti strahet unikament fuq l-istqarrija ta' l-appellata biex sabet htija fiha ta' l-akkuza kif dedotta. Dan ghaliex mill-istqarrija hareg li l-appellanta kienet qed titkellem fil-plural (biex nehduhom) u ghax stqarret li forsi jkun hem m xi habiba taghha u taqsamhom maghha (sottolinear ta' l-esponent). Il-Qorti ibbazat ruhha fuq il-fatt li l-appellanta kellha din l-intenzjoni li taqsam il-pilloli billi hija kellha fuqha 5. L-appellanta fl-istqarrija taghha kompliet tghid li jekk ma tiltaqa' ma hadd hija izzomm il-pilloli ghaliha nnifisha ghal data ohra. Billi huwa notorju li l-ammont ta' pilloli li wiehed jikonsma f'lejl hu ta' bejn 2 jew 3, ma jfissirx li dawn il-pilloli jiskadu l-ghada u ma jibqghux tajbin ghal gimgha ohra.

Illi l-Ewwel Qorti nterpretat din il-frasi ta' l-appellanta bhala intenzjoni cara li taqsam id-droga ma' haddiehor. Bir-rispett kollu din il-frasi ma tfissirx li hija kellha din l-intenzjoni specifika li tmur tittraffika jew taqsam i-droga minhabba s-semplici fatt li fil-pussess taghha kellha pilloli aktar minn dak li huwa notorju li jkollu xi hadd waqt party. Kien ikun gust li l-Qorti issib htija fuq xi hadd li kien imur party bl-intenzjoni specifika li jittraffika d-droga u mhux bil-possibilita li jaghmel dan jekk jiltaqa' ma xi hadd. L-intenzjoni triq tkun wahda specifika li tikkommetti r-reat. Il-Qorti qalet fis-sentenza li l-appellanta kellha ntezjoni tikkonsma id-droga ma' habiba taghha. Fil-fatt fl-istqarrija l-appellanta ma qalitx hekk imma qalet li forsi tiltaqa ma xi habiba. Minn dan johrog li ma kienetx mifthema li tilqata ma' xi hadd partikolari imma li jista' jaghti l-kaz li tasal biex taghti xi wahda lil haddiehor. Din l-intenzjoni ma hijiex sufficjenti sabiex persuna tinstab hatja li kellha l-hsiex li tittraffika d-droga.

Illi ghalhekk tenut kont li l-Qorti bbazat ruhha fuq l-istqarrija ta' l-appellanta u tenut kont tal-fatt li ma kienx hemm intezjoni specifika li tittraffika d-droga jew li taqsam id-droga ma haddiehor, ma kellhiex tinstab hatja ta' l-akkuza.

AGGRAVJU DWAR IL-PIENA

Illi l-appellanta wara li instaghbet hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha inghatat piena karcerarja ta' 9 xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin, multa ta' EUR750 u supervision ghat-tul tas-sospensjoni.

Illi din il-piena hija wahda ezagerata specjalmeent meta wiehed jikkunsidra diversi elementi, li l-istess Qorti ikkunsidrat.

Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali ta' l-appellanta kienet wahda netta u li qatt ma kellha xi htija ta' xi akkuza qabel dak in-nhar li ikkommettiet ir-reat imputabbli lilha.
Apparti minn dan ghandu jkun ukoll rilevat illi l-fatt imputabbli sehh fl-2006 u kien biss fl-2015 li inghatat sentenza. Disa' snin huma hafna biex persuna tiffaccja sentenza ta' reat li kienet ghamlet qabel u li nel frattemp setghet irriformat ruhha b'tali mod li f'dawn id-9 snin qatt ma ikkommettiet xi forma ta' reat iehor.

Illi minkejja li din i-sentenza ma hijiex ta' piena karcerarja effettiva, hija pero xabla ta' Damocle fuq ras l-appellanta li jekk tizgarra u tikkommetti reat, anki jekk ma huwiex konness ma' xi akkuza relatata mad-droga, tista tipicca tiskonta 9 xhur habs ghal reat li ghalih seta' gie applikat l-artiklu 21. Meta wiehed jikkunsidra li l-probation officer xehdet fil-Qorti u tat rendikont ta' kif l-appellanta kienet irriformat ruhha, zgur li piena karcerarja ma kienetx l-aktar piena idoneja. Wiehed ma jistghax anki jifhem kif apparti il-piena karcerarja sospiza, l-appellanta inghatat ukoll piena ta' multa.

Illi ghalhekk meta wiehed iqis l-assjem tal-piena nflitta tenut kont tac-cirkustanzi kollha suesposti f'dan ir-rikors ta' appell, minkejja li l-Ewwel Qorti kienet fil-parametru li taghtiha l-ligi, infliggiet piena li hija ftit ezagerata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellanta hi hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u ma hemm xejn x'jista' jinghad fuq dan il-punt.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena ma hemm ebda dubju wkoll li tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif imfissra fir-rokrs ta' l-appell, il-piena erogata hi wahda gravuza. Dan qed jinghad tenut kont ukoll tat-traspass taz-zmien. Ghalhekk, l-appell dwar il-piena qed jigi milqugh.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lil Patricia Bone taht il-provvedimenti tal-

artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.  Tikkonferma l-multa ta' seba' mija u hamsin euro (€750) u il-modalita' ta' pagament.